**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum it-Tlieta 15 ta' Dicembru, 2015**

**Rikors Guramentat Numru:- 107/2007JVC**

**Carmel sive Charlie Saliba u Anthony Saliba**

**Vs**

**Benigno sive Benny Saliba u b'digriet tal-31 t'Ottubru 2007 l-ismijiet Joseph Bajada u Paul Bajada gew korretti u sostitwiti bl-ismijiet Joseph Saliba u Paul Saliba; u Maria mart Joseph Bajada; u b'digriet tal-15 t'Ottubru 2007 Maria Bajada giet nominata kuratrici sabiex tirraprezenta lill-imsiefra Jane mart Emanuel Tabone**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-atturi ppremettew:-

1. Illi Anthony Saliba, gia iben Pawlu u Benigna nee' Buttigieg , miet fl-Isptar Generali, Ghawdex, fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Mejju elf disa' mija wiehed u disghin (1991) u rregola is-successjoni tieghu bis-sahha ta' zewg testmenti fl-atti tan-Nutar Michael Refalo tas-sbatax (17) ta' Awissu elf disa mija tnejn u tmenin (1982) u erbgha u ghoxrin (24) ta' Novembru elf disa mija sitta u tmenin (1986) rispettivament;

2. Illi bis-sahha tal-ewwel testment tieghu, it-testatur kien innomina lil uliedu kollha, il-kontendenti, eredi fi kwoti ugwali u indivizi bejniethom; filwaqt illi bit-tieni testment huwa kien halla bi prelegat lill-esponenti Carmel sive Charlie Saliba sehemu – nofs indiviz – minn porzjon diviza mill-art imsejha 'Ta Mgarr ix-Xini' fil-limiti ta' Xewkija, Ghawdex ahjar murija fuq il-pjanta annessa mat-testment de quo, u dan stante illi l-istess art kienet inxtrat bi flus illi l-esponenti kien ghadda lil missieru;

3. Illi Maria Pawla sive Pawla Spiteri, armla tal-istess Anthony Saliba, bint il-mejtin Anthony Tabone u Maria nee' Pace, mietet fl-ghaxra (10) ta' Jannar elfejn u hamsa (2005) u irregolat is-successjoni taghha bis-segwenti testmenti: testment fl-atti Nutar Paul G. Pisani tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Novembru 1996 (bis-sahha ta' liema irrevokat it-testmenti precedenti kollha taghha); zewg testmenti fl-atti tan-Nutar Silvio Hili tat-tnejn (2) ta' Dicembru tas-sena elfejn (2000); u tal-ghaxra (10) ta' Gunju elfejn u wiehed (2001) rispettivament; u imbaghad iehor fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Ottubru elfejn u tnejn (2002);

4. Illi fost il-beni spettanti lill-konjugi Saliba hemm il-post qadim fi sqaq fi Triq il-Knisja, Xewkija li drabi ohra kien igib in-numru hamsa (5), Triq San Pubbliju, Xewkija, Ghawdex – izda dan il-fond kien inxtara bi flus l-esponenti Carmel Saliba u l-genituri tieghu kienu biss prestanome tieghu. Dan peress illi fiz-zmien illi nxtara dan il-fond, l-esponenti kien jghix fl-esteru u ma kienx possibbli ghalih illi jakkwista proprjeta' immobiljari f'Malta hlief taht kondizzjonijiet illi kienu impossibbli ghalih illi jissodisfa. Kwindi il-genituri tal-esponenti kienu accettaw illi l-fond jinxtara f'isimhom bl-intiza illi huma jittrasferixxu dan il-fond lill-esponenti jekk u meta dan ikun possibbli.

5. Illi tali trasferiment baqa' qatt ma sehh, izda uhud minn hut l-esponenti Carmel Saliba, u cjoe' Anthony Saliba, Jane Tabone, u Joseph Saliba kienu irrikonoxxew il-korrettezza tal-paragrafu precedenti tant illi wara mewt il-genituri taghhom, huma kienu iffirmaw skrittura intiza sabiex jitrasferixxu lil-esponenti is-sehem illi huma wirtu minghand il-genituri taghhom b'titolu ta' donazzjoni;

6. Illi Carmel Saliba irid illi jigi immess formalment fil-pussess tan-nofs indiviz mir-raba 'Ta Mgarr ix-Xini' fix-Xewkija imhollija lilu bi prelegat minn missieru – liema immobbli jinsab effettivament gia fil-pussess tieghu;

7. Illi inoltre l-istess Carmel Saliba irid illi l-fond fi Triq San Pubbliju, Xewkija imsemmi aktar il-fuq jigi trasferit lilu minn hutu bhala

eredi tal-genituri taghhom stante illi l-istess genituri kienu biss prestanome ghalih; u ghal dan il-ghan lest illi jhallas l-ispejjez kollha relatati u ancillari ma' dan it-trasferiment favur tieghu;

8. Illi finalment l-atturi ma jridux jibqghu aktar fi stat ta' komunjoni flimkien mal-konvenuti tal-beni provenjenti lilhom mill-wirt u successjoni tal-genituri taghhom hawn fuq imsemmija;

Talbu lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara illi fl-okkazzjoni tal-akkwist tal-fond fi Triq San Pubbliju, Xewkija, Ghawdex Anthony Saliba, u mieghu Maria Pawla Saliba kienu qed jagixxu biss bhala prestanome tal-attur Carmel Saliba;

2. Konsegwentement tikkundanna lilkom konvenuti sabiex titrasferixxu gratuwitament is-sehem illi kull wiehed u wahda minnkom wiret minghand il-genituri taghkom mill-fond fuq imsemmi lill-attur Carmel Saliba b'dan illi l-ispejjez kollha marbuta ma' tali trasferiment jithallsu minn Carmel Saliba;

3. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att ta' trasferiment relattiv f'jum hin u lok illi jigu ffissati ghaldaqstant minn din il-Qorti, u tahtar kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-eventwali kontumaci fuq dan l-att;

4. Tillikwida il-beni gia formanti il-komunjoni tal-akkwisti tal-mejtin Anthony u Maria Pawla Saliba billi tiddikjara illi jikkonsistu f'dawn il-beni u assi illi jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

5. Tiddividi din il-komunjoni tal-akkwisti f'zewg porzjonijiet ugwali illi jigu assenjati wahda kull wiehed lill-assi partikolari ta' Anthony Saliba u lill-assi partikolari ta' Maria Pawla Saliba;

6. Tillikwida il-beni partikolari ta' Anthony Saliba billi tiddikjara illi jikkonsistu fin-nofs tal-komunjoni tal-akkwisti assenjati lilu kif fuq inghad, u dawk l-assi parafernali illi jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

7. Tordna l-immissjoni fil-pussess favur l-attur Carmel Saliba tal-prelegat ordnat favur tieghu minn Anthony Saliba fit-testement tieghu;

8. Tiddividi r-rimanenti beni kontenuti fl-assi ereditarji ta' Anthony Saliba f'seba (7) porzjonijiet ugwali illi jigu assenjati wahda kull wiehed lil kull wiehed u wahda mill-kontendenti;

9. Tillikwida il-beni partikolari ta' Maria Pawla Saliba billi tiddikjara illi jikkonsistu fin-nofs tal-komunjoni tal-akkwisti assenjata lilha kif fuq inghad, u dawk l-assi parafernali illi jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

10. Tiddividi ir-rimanenti beni kontenuti fl-assi ereditarji ta' Maria Pawla Saliba f'seba' (7) porzjonijiet ugwali illi jigu assenjati wahda kull wiehed lil kull wiehed wahda mill-kontendenti;

11. Tahtar Nutar pubbliku u tiffissa jum hin u lok ghall-pubblikazzjoni tal-opportun att ta' immissjoni fil-pussess u tad-divizjoni tal-assi ereditarji hekk rizultanti; bl-intervent ta' kuraturi nominandi sabiex jidhru ghall-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

12. Fin-nuqqas, f'kaz illi jirrizulta illi l-beni mhumiex komodament divizibbli bejn il-kontendenti, tordna il-licitazzjoni tal-istess beni sabiex ir-rikavat jigi ripartit bejn il-kontendenti fil-kwoti lilhom spettanti kif fuq inghad;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tad-9 ta' Lulju 2003, u l-ittra ufficjali ta' Lulju 2006 kontra taghkom.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa intom ingunti.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti fejn eccepew:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u dan ghas-segwenti ragunijet;

2. Illi in linja preliminari qed tigi eccepita n-nullita' tar-rikors guramentat stante li qed isiru zewg azzjonijiet f'wahda li mhumiex kompatibbli ma xulxin stante li l-ewwel tlett talbiet jirrigwardjaw

dikjarazzjoni ta' titolu favur l-attur Carmel Saliba wahdu ta' immobbli partikolari filwaqt li t-talbiet l-ohra jirrigwardjaw divizjoni ta' l-assi ereditarji tal-genituri tal-partijet liema talba qed issir miz-zewg atturi f'daqqa. Illi allura se mai dawn kellhom ikunu mertu ta' zewg kawzi separati u distinti minn xulxin;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ewwel, it-tieni u t-tielet talbiet huma nulli stante qed jigu kontestati bil-qawwa kollha stante li l-attur Carmel Saliba ghandu jipprova dak li qed jigi allegat minnu iktar u iktar in vista tal-fatt li l-esponenti ghandhom sehem minn dan il-fond akkwistat minnhom in parti b'wirt minghand missierhom Anthony Saliba u in parti permezz ta' donazzjoni rrevokabbli minghand ommhom Paola Saliba kif ser jigi pruvat matul it-trattazzjoni tal-kawza u kif inghad iktar il-fuq tali azzjoni kellha tkun separata u distinta mid-divizjoni ta' l-assi ereditarji;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba ghad-divizjoni ma tistax issir qabel ma tigi deciza l-kwistjoni tat-titolu tal-fond fi Triq Publiju, Xewkija, Ghawdex stante li tali gudikat jimpingi b'mod dirett fuq il-kontenut ta' l-assi ereditarji tad-decuja;

5. Illi a rigward document 'O' esebit mar-rikors guramentat, l-eccipjenti Joseph Saliba u Jane Tabone qed jikkontestaw bil-qawwa kollha l-validita' u l-genwinita ta' dan id-dokument u kontestwalment jikkonfermaw bil-gurament taghhom li huma qatt wieghdu jew iffirmaw xi wieghda jew b'xi mod irrikonoxxew li Carmel Saliba ghandu xi drittijiet iktar minn hutu fuq il-fond de quo u minn issa qed jirriservaw minn issa kull dritt u azzjoni kompetenti lilhom skont il-Ligi a rigward ta' din l-imsemmija skrittura;

6. Illi riferribilment ghas-seba' talba l-eccipjenti Benigno Saliba jaghmel riferenza ghall-kawza Rikors Guramentat nru: 68/2007PC fl-ismijiet **Carmel sive Charles Saliba et vs Benigno Saliba et** liema kawza appuntu titratta dwar il-porzjon raba' maghrufa bhala 'Ta' Mgarr ix-Xini' limiti Sannat, Ghawdex. Illi allura ghal darb'ohra qabel ma tigi trattata din il-kawza ghandha tinqata' l-kawza l-ohra.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri

Bl-ispejjez, bl-imghax u bir-riserva ta' kull dritt u azzjoni skont il-Ligi

Rat illi permezz ta' decizjoni datata l-1 ta' Ottubru, 2009 din il-Qorti diversament preseduta cahdet l-ewwel tlett talbiet attrici u t-tieni ecezzjoni tal-konvenuti.

Rat illi fir-rigward tas-sitt eccezzjoni rilevanti ghat-talba dwar il-pre-legat ma tressqet l-ebda prova fl-atti;

Rat illi wara tali decizjoni kien jonqos li jigu stradati t-talbiet rimanenti dwar id-divizjoni tal-proprjeta' li l-partijiet wirtu minghand il-genituri taghhom kif ukoll l-immissjoni fil-pusess tal-pre-legat pretiz mill-attur;

Rat illi ghall-dan il-ghan permezz ta' digriet moghti nhar it-30 ta' Ottubru, 2009 (fol. 280) din il-Qorti diversament preseduta nnominat lill-Dr. Paul Cachia bhala Perit legali u lil Perit Alan Saliba bhala Perit Tekniku sabiex jirrelataw jekk il-proprjeta' hijiex komodament divizibbli u jaghmlu wkoll pjan ta' divizjoni bejn il-partijiet.

Rat l-ewwel rapport tal-Esperti a fol. 335 et seq tal-process;

Rat illi in vista tal-fatt li wara l-ewwel rapport irrizulta li kien hemm atti pubblici bejn il-partijiet li ma kienux ingiebu a konjizzjoni tal-periti tal-Qorti, din il-Qorti diversament preseduta permezz ta' digriet datat 11 ta' Ottubru, 2013 ordnat illi:

*'L-atti jergghu jigu rimessi lill-perit legali Dr. Paul Cachia sabiex jiehu konjizzjoni tad-dokumenti prezentat ossia Dok JS 3 sa dok JS 5 u jhejji r-rapport fid-dawl ukoll tar-regoli applikabbli tal-kollazzjoni u ta' l-imputazzjoni jekk hu l-kaz li dawn jigu applikati.'*

Rat ir-rapport addizzjonali ta' Dr. Paul Cachia a fol. 447 et seq.

Rat ir-risposti kollha ghall-bosta domandi in eskussjoni li saru lill-periti tal-Qorti;

Rat il-provi kollha pjuttost voluminuzi kelma b'kelma u l-atti kollha esebiti;

Rat illi fis-seduta tad-9 ta' Ottubru, 2015 l-kawza giet differita ghad-decizjoni ghal-lum;

Rat is-sottomissjonijiet kollha esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat**

F'din il-kawza qieghed jintalab il-qasma tal-wirt ta' Anthony u Maria Paola konjugi Saliba, li mietu fil-25 ta' Mejju 1991 u 10 ta' Jannar 2005 rispettivament. Huma kellhom sebat itfal, cjoe' l-partijiet f'din il-kawza.

Il-Qorti fl-ewwel lok rat id-decizjoni ta' din il-Qorti diversament preseduta fuq l-ewwel tlett talbiet attrici datata 1 ta' Ottubru, 2009 li kienu jirrigwardaw il-pretensjoni tal-attur Carmel Saliba illi l-fond bl-indirizz 5, Triq San Pubbliju, Xewkija, Ghawdex kien inxtara f'bejgh bl-irkant minn missieru, kien xtrah bhala prestanome tieghu. F'dik id-decizjoni l-Qorti wara li ddikjarat li ma tressqux bizzejjed provi sabiex hija tkun konvinta li fil-fatt il-proprjeta' in kwistjoni kienet inxtrat minn Anthony Saliba bhala prestanome ta' ibnu l-attur Carmel Saliba kif ukoll wara li ddikjarat li fi kwalunkwe kaz anki li kieku tressqu tali provi dan kien ifisser li l-iskop li Anthony Saliba deher bhala prestanome kien wiehed illecitu u ghalhekk mhux sanzjonabbli mill-Qorti giet dikjarat kif isegwi:

**'Ghal dawn il-motivi l-qorti qegha tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenut bl-ispejjez kontra taghhom, u ghar-ragunijiet fuq moghtija qeghda tichad l-ewwel tlett (3) talbiet tal-atturi u tordna l-prosegwiment tal-kawza dwar il-kumplament tat-talbiet. Spejjez a karigu tal-atturi.'**

Rat illi wara dik id-decizjoni, l-kawza giet stradata fuq id-divizjoni tal-ereditajiet tal-genituri tal-partijiet bejn il-partijiet u ghal dan il-ghan gew nominati Dr. Paul Cachia u l-Perit Alan Saliba sabiex jirrelataw lill-Qorti pjan ta' qasma bejn il-partijiet.

Rat illi ghalkemm il-partijiet ghamlu diversi domandi in eskussjoni lill-esperti tal-Qorti, fil-fatt hadd minnhom ma nsista fuq il-hatra ta' Periti Addizzjonali;

Rat ukoll illi nonostante s-sitt eccezzjoni, ma tressqu l-ebda provi li b'xi mod setghu iwasslu lil din il-Qorti sabiex tkun taf f'hiex kienet tikkonsisti l-kawza allegatament imsemmija u lanqas allura kif b'xi mod din kellha taffettwa d-decizjoni ta' din il-Qorti dwar il-pre-legat imholli lill-attur Carmel Saliba. Il-Qorti tiddikjara li taqbel mal-konkluzjonijiet li waslu ghalija l-periti mqabbda minnhom dwar ghall-liema porzjon art kien qed jirreferi l-pre-legat in kwisjtoni;

Rat illi l-konvenut Joseph Saliba prezenta nota ta' kritika fil-konfront tat-tieni rapport esebit a fol. 447 u dan kif awtorizzat minn din l-istess Qorti fil-verbal tad-9 ta' Ottubru, 2015 u hadet nota tal-kontenut tal-istess nota;

Il-Qorti gharblet sew l-ewwel rapport tal-Periti mqabbda minnha (fol. 329), id-domandi in eskussjoni li saru dwar l-istess, ir-risposti tal-Periti, it-tieni rapport ta' Dr. Paul Cachia a fol. 447 et seq tal-process, id-domandi in eskussjoni u r-risposti fuq l-istess b'mod partikolari dawk a fol. 506 et seq fejn l-istess Perit legali ikkonceda li l-assenjazzjoni tal-proprjeta' fil-konfront tal-attur Carmel Saliba kellha tigi emendata minn kif relatata fit-tieni rapport tieghu. Il-Qorti taqbel perfettament mal-konkluzjonijiet tal-periti mqabbda minnha u tiddikjara li taqbel mal-konluzjonijiet kollha milhuqa mill-istess Periti ovvjament b'dana li ser tiehu kont tal-fatt li t-tieni rapport varja fuq l-ewwel rapport in vista tal-kuntratti godda li emergew u tal-fatt li fid-domandi in eskussjoni a fol. 506 et seq. il-perit legali emenda t-tieni r-rapport ghal dak li jirrigwarda l-porzjon ta' Carmel Saliba. Ghalhekk il-Qorti qed taghmel taghha bhala parti integrali minn din id-decizjoni l-konkluzjonijiet milhuqa mill-Perit Tekniku u l-Perit Legali fir-rapporti taghhom, kif aggornati u emendati permezz tal-ahhar risposti in eskussjoni;

Illi in oltre l-Qorti taqbel ma' dak espost mill-Periti taghha li fl-ahjar interess tal-partijiet jkun ahjar li l-qasma ssir kif propost minnhom u dan billi porzjon minnhom tibqa indiviza bejn uhud mill-partijiet aktar u aktar issa li giet sorvolata l-pretensjoni ta' Carmel Saliba fuq dik il-propjreta' partikolari u jkunu jistghu jiehdu l-ahjar profitt minnha milli kieku l-proprjeta' tinbiegh bil-licitazzjoni fejn il-possibilita' hija li l-partijiet kollha jitilfu sew fuq il-valur tal-proprjeta. Dan tenut kont ukoll tal-fatt li wahda mill-proprjetajiet llum hija wkoll id-dar residenzjali tal-

konvenut Joseph Saliba u li parti zghira biss minnha hija proprjeta' indiviza bejn il-partijiet.

Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi sabiex taghmel il-konkluzjonijiet taghha fuq it-talbiet attrici eskluz l-ewwel tlett talbiet li gia jinsabu decizi:

**Proprjeta' mobbli ta' Anthony Saliba:**

Ma jirrizultax li hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet dwar il-fatt li l-mobbli kollha li thallew min Anthony Saliba gie miftiehem bejn il-partijiet li dawn jigu ceduti lill-omm Maria Paola Saliba u fil-fatt hekk sar u dan gie rilevat ukoll mill-Periti ta' din il-Qorti fl-ewwel rapport a fol. 329 et seq tal-process. Minn naha l-ohra rrizulta wkoll li l-atturi lanqas ressqu b'xi mod provi dwar f'hiex kienu jikkonsistu, jekk kien hemm, il-proprjeta' mobbli tal-mejjet Anthony Saliba. Ghalhekk il-Periti tal-Qorti kienu korretti fejn iddecidew li ma hemm l-ebda proprjeta' mobbli x'tigi diviza bejn il-partijiet fir-rigward tal-wirt ta' Anthony Saliba;

**Proprjeta' immobbli ta' Anthony Saliba:**

Illi ai termini tal-ewwel rapport tal-periti tal-Qorti a fol. 345 tal-process jigi konkluz illi l-assi immobbli tal-missier Anthony Saliba mertu tad-divizjoni bejn il-partijiet huma s-segwenti:

1) L-utile dominju temporanju ghal zmien 150 sena illi beda jiddekorri mid-19 ta' April, 1934 fuq il-porzjon raba' numru tnejn (2) imsejjha "Ta Mgarr ix-Xini', limiti tax-Xewkija, Ghawdex. Din il-porzjon art giet deskritta u stmata mill-perit tekniku fi Skeda 1 annessa mal-ewwel rapport u aktar l-isfel u fl-assenjazzjoni issir referenza ghaliha bhala **Proprjeta' numru 1.** Il-valur moghti mill-Perit Tekniku lil nofs indiviz ta' din l-art huwa ta' **€7,000.**

2) L-utile dominju temporanju ghal zmien 150 sena illi beda jiddekorri mid-19 ta' April, 1934 fuq il-porzjon raba' numru sittax (16) imsejjha 'Ta' Mgarr ix-Xini', limiti tax-Xewkija, Ghawdex. Din il-porzjoni art giet deskritta u stmata mill-perit tekniku fi Skeda 2 annessa mal-ewwel rapport u aktar l-isfel u fl-assenjazzjoni issir referenza ghaliha bhala **Proprjeta' numru 2.** Il-valur moghti mill-Perit Tekniku lil nofs indiviz ta' din l-art huwa ta' **€20,000.**

3) In-nofs indiviz tal-utile dominju temporanju ghal zmien 150 sena illi beda jiddekorri mid-19 ta' April 1934 fuq il-porzjon raba' numru hamsa (5) imsejjha 'Ta' Mgarr ix-Xini', limiti tax-Xewkija, Ghawdex. Din il-porzjoni art gie deskritta u stmata mill-perit tekniku fi Skeda 3 annessa mal-ewwel rapport, aktar l-isfel u fl-assenjazzjoni ssir referenza ghaliha bhala **Proprjeta' numru 3.** Il-valur moghti mill-Perit Tekniku lin-nofs indiviz ta' l-art huwa ta' **€3,500.**

4) In-nofs indiviz tal-post qadim fi sqaq, fi Triq il-Knisja, Xewkija. Dan il-fond gie deskritt mill-Perit Tekniku fi Skeda 4 annessa mal-ewwel rapport, aktar l-isfel u fl-assenjazzjoni issir referenza ghaliha bhala **Proprjeta' numru 4.** Il-valur moghti mill-Perit Tekniku lil nofs indiviz ta' dan il-fond huwa ta' **€47,000.**

5) In-nofs indiviz tan-nofs kejla art akkwistata bil-kuntratt ta' permuta tal-25 ta' April, 1957 formanti parti minn art akbar li fuqha hemm mibni l-fond bin-numru 40/42, Triq San Zakkarija, Xewkija, Ghawdex. Dan il-fond bin-numru 40/42, Triq San Zakkarija, Xewkija, Ghawdex gie deskritt u stmat mill-perit tekniku fi Skeda 5 annessa mal-ewwel rapport, aktar l-isfel u fil-porzjonijiet issir referenza ghalih bhala **Proprjeta' numru 5.** In-nofs kejla art oggett tal-kuntratt tal-25 ta' April, 1957 ssir referenza ghaliha aktar l-isfel u fl-assenjazzjoni bhala **proprjeta' numru 5B** filwaqt illi l-kumplament tal-fond issir referenza ghaliha bhala proprjeta **numru 5 A**. In-nofs indiviz tal-proprjeta' 5 B giet valutata mill-Perit tekniku ghas-somma ta' **€4,750.**

6) In-nofs indiviz mill-porzjon art markata bin-numru tnax (12) imsejjha 'Ta' Mgarr ix-Xini' li thallha lill-attur Carmel Saliba minn Anthony Saliba. Din il-porzjon art bin-numru (12) imsejjha 'Ta Mgarr ix-Xini' giet deskritta u stmata mill-perit tekniku fi Skeda 6 annessa mal-ewwel rapport, aktar l-isfel u fil-porzjonijiet issir referenza ghalija bhala **Proprjeta' numru 6.** Il-valur ta' dan in-nofs indiviz gie stmat mill-perit tekniku ghas-somma ta' **€15,000.**

**Ishma tal-partijiet fil-wirt tal-missier**:

Illi fit-tieni rapport tal-periti mqabbda mill-Qorti gie tenut kont tal-fatt li uhud mill-partijiet irrinunzjaw ghal partijiet mill-wirt taghhom favur Joseph Saliba relattivament ghad-drittijiet taghhom fuq il-fond 40/42,

Triq San Zakkarija, Xewkija. Fil-fatt it-tieni rapport a fol. 455 tal-process jikkonkludi kif isegwi:

'Illi mis-suespost jirrizulta li l-konvenuta Mary Bajada, il-konvenut Benigno Saliba, l-attur Anthony Saliba, il-konvenut Paul Saliba u l-konvenuta Jane Tabone itrasferew d-drittijiet taghhom fuq il-fond 40/42, Triq San Zakkarija, Xewkija mill-wirt ta' missierhom lill-konvenut Joseph Saliba. Ma jirrizultax illi l-attur Carmel Saliba ttrasferixxa sehemu fuq l-istess fond u ghalhekk, hu ghandu s-sehem tieghu mill-wirt tal-missier.

Illi ma jirrizultax illi saru xi donazzjonijiet ghar-rigward l-assi mmobbli li gejjin mill-wirt ta' omm il-kontendenti Pawla Saliba wara l-mewt taghha.'

Il-Qorti in vista tar-rizultani l-atti, kif gia dikjarat aktar il-fuq, taqbel ma' dawn il-konkluzjonijiet. Rizultat ta' hekk jirrizulta li l-ishma tal-partijiet fir-rigward tal-proprjeta' tal-missier huma kif isegwi:

- 1/7 indiviz tal-proprjeta' numru 1 liema sehem ghandu valur ta' €1,000;
- 1/7 indiviz tal-proprjeta' numru 2 liema sehem ghandu valur ta' €2857.14;
- 1/4 indiviz tal-proprjeta' numru 3 liema sehem ghandu valur ta' €500;
- 1/14 indiviz tal-proprjeta' numru 4 liema sehem ghandu valur ta' €6714.29;
- mill-wirt tal-missier il-konvenut Joseph Saliba ghandu 6/14 indiviz mill-proprjeta' numru 5B filwaqt illi l-attur Carmel Saliba ghandu 1/14 indiviz ta' din il-proprjeta' numru 5 B mill-wirt ta' missieru;
- mill-wirt tal-missier l-attur Carmel Saliba ghandu ukoll ½ indiviz tal-proprjeta' numru 6 bis-sahha tal-prelegat lilu mholli

**Proprjeta' mobbli ta' Maria Pawla Saliba:**

Illi ai termini tal-ewwel rapport tal-periti tal-Qorti jirrizulta li l-assi mobbli ta' Maria Pawla Saliba (fol. 350 sub-titolu C.2. Kunsiderazzjonijiet dwar assi mobbli ta' Pawla Saliba) jigi konluz li mal-mewt taghha hija kellha mobbli fil-valur ta' €16,699.19. Il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni fir-rapport li dawn il-mobbli ghandhom jigu assenjati lis-sitt ahwa partijiet u cioe' Benigno, Carmelo, Jane, Anthony, Paul u

Maria ahwa Saliba fi kwoti ta' €2783.20 kull wiehed b'eskluzjoni tal-konvenut Joseph Saliba ghar-ragunijiet moghtija fl-istess sub-titolu tar-rapport).

**Proprjeta' immobbli ta' Maria Pawla Saliba:**

Illi ai termini tal-ewwel rapport tal-periti tal-Qorti a fol. 352 et seq tal-process jirrizulta li l-proprjeta ta' Maria Pawla Saliba mal-mewt taghha kienet kif isegwi:

1) In-nofs indiviz mill-porzjon art markata bin-numru tnax (12) imsejjha 'Ta' Mgarr ix-Xini' (**Proprjeta' numru 6)** fejn in-nofs l-ohra kienet thalliet lill-attur Carmel Saliba mill-missier Anthony Saliba. Il-valur ta' dan in-nofs indiviz gie stmat mill-perit tekniku ghas-somma ta' **€15,000.**

2) In-nofs indiviz tal-post qadim fi sqaq, fi Triq il-Knisja, Xewkija **Proprjeta' numru 4.** Il-valur moghti mill-Perit Tekniku lil dan il-fond huwa ta' **€47,000.** Jirrizulta izda kif dettaljatament spjegat fit-tieni rapport tal-Periti a fol. 353 li uhud mill-partijiet u cioe' Joseph Saliba, Benigno Saliba, Paolo Saliba u Maria Bajada inghataw il-porzjon dovut lilhom minn din il-proprjeta' permezz ta' donazzjoni tul hajjet Maria Paola Saliba bil-kundizzjoni li l-porzjon rimanenti tinqasam bejn l-ahwa rimanenti. Ghal din ir-raguni l-periti waslu ghall-konkluzjoni li l-qorti taqbel maghha li dawn id-donazzjonijet m'ghandhomx ikunu suggett ghall-kollazzjoni;

3) 1/12 indiviz mill-wirt u successjoni tal-genituri ta' Maria Paola Saliba li ghadu mhux likwidat u li huwa anki suggett ghal-kawza pendenti bin-numru 1/2009 PC differita ghal Jannar tas-sena d-diehla.

**Ishma tal-partijiet fil-wirt tal-omm**:

- 1/14 indiviz fil-proprjeta' numru 6 liema sehem ghandu valur ta' €2142.86;

- 1/14 indiviz tal-proprjeta' numru 4 liema sehem ghandu valur ta' €6713.29 mill-liema ishma izda jirrizulta li l-partijiet Joseph Saliba, Benigno Saliba, Paolo Saliba, u Maria Bajada nghataw dawn l-ishma permezz ta' donazzjoni tul il-hajja ta' Maria Paola Saliba. M'hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet li t-tlett ahwa l-ohra ghandhom jiehdu l-

porzjoni indiviz ta' 1/14 tal-proprjeta' nonostante li dan ma thalliex b'legat mid-decujus.

- fir-rigward tal-wirt mill-genituri tad-decujus Maria Paola Farrugia l-periti stante li mill-atti ma setghux jaslu ghal-qasma ta' din il-parti indiviza minn dik l-eredita' rrakomandat illi l-partijiet jibqghu b'sehem indaqs f'dak li talvolta jista' jmiss lilhom bhala s-successuri t'ommhom meta tigi deciza l-kawza in kwistjoni.

**Kollazzjoni**

Illi l-periti tal-Qorti dahlu wkoll fil-kwistjoni dwar jekk il-partijiet jew uhud minnhom kellhomx ikunu suggetti ghall-kollazzjoni in vista tad-donazzjonijiet maghmula lilhom minn ommhom Maria Paola Farrugia tul hajjitha. Korrettament il-periti legali waslu ghall-konkluzjoni li l-eccess tad-donazzjoni maghmula lill-konvenut Joseph Saliba kellha tkun suggetta ghall-kollazzjoni. Minnha izda kellu jitnaqqas dak li rrinunzjaw ghalih jew ahjar assenjaw il-konvenuti l-ohra Mary Bajada, Benigno Saliba, Jane Tabone, Paul Saliba u l-attur Anthony Saliba a favur tal-konvenut Joseph Saliba. Il-Qorti taqbel mal-konkluzjonijiet tal-perit fit-tieni rapport f'dan ir-rigward u taghmel taghha l-istess konkluzjonijiet. Minn naha l-ohra rrizulta li l-attur Carmel Saliba qatt ma rrinzunzja ghad-drittijiet tieghu favur il-konvenut Joseph Saliba u ghalhekk baqalu d-dritt ghall-kollazzjoni ghas-somma ta' €2929.37 kif dikjarat mill-perit legali a fol. 454 tal-process.

**Kunsiderazzjonijiet ulterjuri dwar l-ishma u l-valur taghhom**

Finalment in vista ta' dak kollu suespost, kif ahjar dettaljat fl-ewwel u t-tieni rapport tal-periti tal-Qorti l-periti waslu ghall-konkluzjoni li l-ishma tal-partijiet fil-proprjetajiet mertu tad-divizjoni bejniethom (eskluz il-mobbli) huma dawk indikati minnhom a fol. 456 sa 458 tal-process taht it-titolu D.1. u l-Qorti taghmel taghha l-istess konkluzjonijiet

Jirrizulta wkoll li l-periti tal-qorti ghamlu valutazzjoni ta' kull sehem tal-partijiet u dawn jinsabu indikati a fol. 458 sa 460 tal-process b'kull werriet jigi dikjarat li sehemu jiswa kif isegwi:

1. Carmel Saliba: €41,249.98;

2. Anthony Saliba: €19,928.56;
3. Benigno Saliba: €19,928.56;
4. Joseph Saliba: €26,607.14;
5. Paul Saliba: €19,928.56;
6. Maria Bajada: €19,928.56;
7. Jane Tabone: €19,928.56.

**Assenjazzjoni:**

Konsegwentement ghall-konkluzjonijiet suesposti li l-Qorti tiddikjara li taqbel maghhom u qed taghmel taghha bhala parti integrali minn din id-decizjoni l-periti tal-qorti ssuggerew pjan ta' qasma fit-tieni rapport taghhom. Il-qorti izda trid tiehu kont tal-fatt li l-Perit Legali Dr. Paul Cachia fir-risposti in eskussjoni, stante korrezzjoni, varja l-porzjon kif proposta lill-attur Carmel Saliba ( a fol 511 tal-process). Kif gia inghad il-periti tal-qorti ghamluha cara li bhala alternattiva ghal dak suggerit minnhom dejjem kien hemm il-possibilita' tal-licitazzjoni pero' din il-Qorti rat li anki bejn l-istess partijiet ma kienx hemm xi insistenza kbira li l-proprjeta' tmur ghal-licitazzjoni u zgur li mhux fl-interess tal-partijiet li din tmur ghal-licitazzjoni. Il-Qorti ghalhekk tiddikjara li taqbel mad-divizjoni kif proposta mill-Periti nkluz l-ekwiparazzjonijiet indikati u taghmel taghha l-istess u ser tghaddi sabiex tiddikajra li l-assenzjazzjoni bejn il-partijiet ghandha tkun kif isegwi:

**1. Carmel Saliba:**

Immobbli:

| | |
|---|---|
| Proprjeta' Numru 6 (Porzjoni 12) | €30,000 |
| Nofs Proprjeta' numru 3 (Porzjoni 5) | € 3,500 |
| Proprjeta' numru 1 (Porzjoni 2) | € 7,000 |
| Total Carmel Saliba | €40,500 |
| Dovut Carmel Saliba | €37,749.98 |
| Ekwiparazzjoni minnu dovuta lill hutu Anthony, Benny, Paul, Maria u Jane ahwa Saliba (€550 kull wiehed) | € 2,750.00 |

Mobbli:

Is-somma ta' €2783.20

Kompensazzjoni minhabba kollazzjoni:

Is-somma ta' €786.51 dovuta lilu minn Joseph Saliba (fol. 454)

In addizzjoni is-sehem indiviz mill-1/12 indiviz mill-wirt u successjoni tal-genituri ta' Maria Paola Saliba li ghadu mhux likwidat u ghandu jibqa impregudikat.

**2. Joseph Saliba:**

Immobbli:

| | |
|---|---|
| Proprjeta' Numru 5 B (Porzjoni 12) | € 9,500 |
| Proprjeta' numru 2 (Porzjoni 16) | € 20,000 |
| Total Joseph Saliba | €29,500 |
| Dovut Joseph Saliba | €26,607.14 |
| Ekwiparazzjoni minnu dovuta lill hutu Anthony, Benny, Paul, Maria u Jane ahwa Saliba (€578.56 kull wiehed) | € 2,892.86 |

Mobbli:

xejn

In addizzjoni is-sehem indiviz mill-1/12 indiviz mill-wirt u successjoni tal-genituri ta' Maria Paola Saliba li ghadu mhux likwidat u li ghandu jibqa mpregudikat.

**3. Anthony Saliba, Benigno Saliba, Paul Saliba, Maria Bajada u Jane Tabone:**

Immobbli:

| | |
|---|---|
| Proprjeta' Numru 4 | € 94,000 |
| Total kull wiehed | €18,800 |
| Dovut kull wiehed | €19,928.56 |
| Ekwiparazzjoni dovuta minn lil kull wiehed | |

/ wahda minnhom minn
Carmel Saliba €550 kull wiehed u minn
Joseph Saliba €578.56 kull wiehed
Total ekwiparazzjoni kull wiehed € 1,128.56

Mobbli:

Is-somma ta' €2783.20 kull wiehed

In addizzjoni is-sehem indiviz ta' kull wiehed minnhom mill-1/12 indiviz mill-wirt u successjoni tal-genituri ta' Maria Paola Saliba li ghadu mhux likwidat u li ghandu jibqa mpregudikat.

**Decizjoni**

Ghar-ragunijiet suesposti, l-Qorti taqta u tiddeciedi din il-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li ghadhom vigenti sakemm dawn huma inkonsistenti ma' dak deciz llum u tilqa mir-raba' sal-hdax-il talba filwaqt li tichad it-tnax il-talba attrici kif isegwi:

1. Tillikwida l-beni gja formanti l-assi ereditarji tal-mejjet Anthony Saliba billi tiddikjara illi jikkonsistu f'dawk il-beni u assi li huma elenkati taht it-titolu **Proprjeta' immobbli ta' Anthony Saliba** aktar il-fuq permezz tal-paragrafi numerati minn numru 1 sa 6 filwaqt li tiddikjara li ma rrizultat l-ebda proprjeta' mobbli ta' Anthony Saliba in divizjoni;

2. Tillikwida l-beni gja formanti l-assi ereditarji tal-mejta Maria Pawla Saliba billi tiddikjara illi jikkonsistu f'dawk il-beni u assi li huma elenkati taht it-titolu **Proprjeta' immobbli ta' Maria Pawla Saliba** aktar il-fuq permezz tal-paragrafi numerati minn numru 1 sa 3 flimkien mal-proprjeta' mobbli taghha kif dikjarati aktar il-fuq taht it-titolu **Proprjeta' mobbli ta' Maria Pawla Saliba**;

3. Tordna l-immissjoni fil-pussess favur l-attur Carmel Saliba tal-prelegat ordnat favur tieghu minn Anthony Saliba u cioe' n-nofs indiviz mill-porzjon art markata bin-numru tnax (12) imsejjha 'Ta' Mgarr ix-Xini' u ndikata fl-atti bhala proprjeta' numru 6;

4. Tiddikjara li l-beni huma komodament divizibbli kif propost mill-abbli periti mqabbda mill-qorti u b'hekk tichad it-tnax-il talba;

5. Tiddividi l-assi kollha tal-mejta Anthony Saliba u Maria Pawla Saliba kif dikjarat f'din id-decizjoni taht it-titolu **Assenjazzjoni** permezz tal-paragrafi numerati minn 1 sa 3;

6. Tahtar lin-Nutar Dr Anna Maria Mizzi u tiffissa il-jum tal-25 ta' Jannar, 2016 f'12.00p.m. fil-bini tal-Qorti, Ghawdex sabiex tiprosegwi ghall-pubblikazzjoni tal-att tal-immissjoni fil-pussess u tad-divizjoni tal-assi ereditarji u l-atti kollha opportuni ohra u tinnomina lil Dr Renata Formosa sabiex tidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

L-ispejjez kollha inkluz dawk tal-kawza (salv dawk gia decizi), in-nomina tal-Periti u l-pubblikazzjoni tal-kuntratti relattivi ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

(ft.) Joanne Vella Cuschieri
Maġistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur